# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Minuri 1**

**Minuri 2**

**Wayne Said**

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` Minuri 1 detentur tal-karta tal-identita bin-numri omisses; Minuri 2 detentur tal-karta tal-identita bin-numri omisses kif ukoll Wayne Said detentur tal-karta tal-identita bin-numri 314591M li permezz tagħhom huma ġew akkużati talli nhar il-11 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu minn ġewwa Triq Dragonara, San Ġiljan : -

(a) bil-ħsieb li jikkommettu d-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, ħin u valur urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;

(b) Volontarjament ħasru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli fil-bieb tal-kamra tal-Lukanda La

Valette, liema ħsara ma kienetx tiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250);

Minuri 1 u Minuri 2 waħdedhom ġew akkużati talli :

(c) flimkien ma' persuna oħra nhar it-2 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' fil-għodu (03:30) minn ġewwa Triq id-Dragunara, San Ġiljan ikkommettew id-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, ħin u valur għad-dannu ta' Massimo u Alberto Reganati;

(d) Volontarjament ħasru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli fil-bieb tal-kamra tal-Lukanda La Valette, liema ħsara ma kienetx tiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250);

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-imputazzjoni kontra l-imputati matul is-seduta tat-12 ta' Settembru 2015.

Il-Qorti rat ukoll li matul l-istess seduta quddiem din il-Qorti kif presjeduta l-imputati stqarru li huma ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom skont kif kien speċifika l-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti wissiet lill-imputati individwalment bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra, u wara li tagħthom ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsultaw mal-Avukat tal-Għajnuna Legali u jiddeċiedu jekk hux sejrin jerġgħu lura minnha, fil-presenza tal-Avukat tagħhom huma tennew l-ammissjoni u wieġbu li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom;

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, rat li tista' tgħaddi biex tgħati s-sentenza minnufih.

Peress li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li dawn huma sodisfaċentement ippruvati. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarahom ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom f'dan il-każ.

Rat ukoll il-verbal tagħha matul l-istess seduta fejn wara li rat li kemm Minuri 1 kif ukoll Minuri 2 huma minuri, ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll li jipproċedu biex jitħejja rapport sabiex tara tistax timponi ordni ai termini tal-11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew taħt l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li matul is-seduta tat-2 t'Ottubru 2015 Matthew Fleri Soler, Uffiċjal tal-Probation, ħalef u ppreżenta rapport fejn ikkonkluda li l-imputat Minuri 2 kien rakkomandat li jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-massimu tagħha u li kellu jitqiegħed taħt ordni li jiġi riferit għand professjonisti oħra li jistgħu jgħinuh jindirizza diffikultajiet fl-imġieba tiegħu skont kif ikun dirett mill-Uffiċjal tal-Probation lilu.

Rat li matul l-istess seduta tat-2 t'Ottubru 2015 Marylyn Formosa, Uffiċjal tal-Probation, ikkonkludiet li l-imputat Wayne Said kien falla li jattendi għal żewġ laqgħat minn tlieta iżda dan seħħ għaliex l-avviż tal-laqgħa ġie impustat ħażin mill-pustier, almenu stando għal dak mistqarr mill-istess Said meta ltaqa' mal-Uffiċjal tal-Probation Formosa. Din tgħid li ma kellhiex żmien biżżejjed sabiex tagħmel assessjar komplet ta' Said biex tiddetermina jekk jikkwalifikax għal xogħol fil-komunita.

Rat li matul is-seduta tat-2 t'Ottubru 2015 Anabel Bugeja, Uffiċjal tal-Probation, ħalfet u ppreżentat rapport fejn ikkonkludiet li l-imputat Minuri 1 kien rakkomandat li jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-massimu tagħha u li kellu jitqiegħed taħt ordni li jiġi riferit għal assessjar psikjatriku u sabiex jiġi riferit għand professjonisti oħra li jistgħu jgħinuh jindirizza diffikultajiet fl-imġieba tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mingħajr ebda dubju dan huwa każ pjetuż fejn tliet ġuvintur jidhru li qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom biex jibdew karriera fil-kriminalita'. Din il-Qorti tqis li dan mhux futur siewi għalihom u għall-familji tagħhom.

Minuri 1 u Minuri 2 huma t-tnejn minuri. Il-fedina penali tagħhom għadha netta. Il-Qorti tqis li l-azzjonijiet tagħhom u l-imġieba tagħhom ma hija xejn eżemplari. Pero mill-banda l-oħra għalkemm jimmerithom sentenza ta' ħabs, dil-Qorti hija propensa li tilqa' t-talba tad-Difiża, nonche r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjali tal-Probation, bit-tama li l-kondotta tagħhom ma tiġix imċapsa minn issa u jkollhom il-possibilta' li jagħrfu jimxu fit-triq il-bogħod mis-serq u kriminalita'. Għalkemm il-fedina penali ta' Wayne Said turi li huwa ġie kundannat għal reati konnessi mat-traffic, il-Qorti xorta waħda tqis li din mhix rifrattarja żżejjed u b'hekk tqis li l-istess rakkomandazzjonijiet għandhom japplikaw għalih ukoll.

Biss, b'riferenza għal Minuri 2, li għad għandu 15 il-sena, il-Qorti tirrakkomanda lil ġenituri tiegħu sabiex ikunu aktar attenti fir-rigward tal-imġieba ta' binhom għaliex minn dak spjegat mill-Uffiċjal tal-Probation, xejn ma huwa qiegħed sew. Anke l-fatt li jkun barra fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu ta' dik l-eta waħdu huwa diġa fattur

inkwetanti. Dan minbarra atteġġjament ieħor anti-soċjali deskritt fir-relazzjoni.

Kwantu għal Minuri 1, is-sitwazzjoni hija aktar gravi minn hekk. Dan huwa ġuvni adottat li spiċċa "homeless" ta' 17 il-sena! Il-Qorti tqis li l-piena idoneja f'dan il-każ kontrih hija dik ta' priġunerija. Iżda l-Qorti taf li jekk timponi din il-piena, dan sejjer jispiċċa agħar milli huwa illum għaliex b'dik it-tip ta' sentenza il-kondotta tiegħu tkun imċapsa darba għal dejjem u tagħmilha diffiċli immens għalih li jsib xogħol onest. Inoltre jidher biċ-ċar li dan il-ġuvni huwa wkoll maqbud f'ċirku vizzjuż fejn huwa kostrett idur minn post, minn lukanda għal oħra biex ikollu saqaf fuq rasu u jgħix b'€400 manteniment li l-ġenituri adottivi tiegħu jagħtuh fix-xahar wara li keċċewh mid-dar, u skont dak mistqarr fl-Awla anke ottjenew digriet mill-Qorti Ċivili kompetenti biex dan Minuri 1 joħroġ mid-dar tal-ġenituri tiegħu. Hawnhekk iċ-ċirku vizzjuż kompla twessgħa għaliex l-instabbilta' f'ħajjet Minuri 1 spiċċat eskalat u issa qiegħed fl-istat li ma għandux post fiss fejn jgħix. Dan minbarra problemi ta' natura psikoloġika li jingħad li huwa affett minnhom bl-isem ta' *Attachment Disorder*. Fi ftit kliem jekk dan iż-żagħżugħ jintbagħat il-ħabs huwa jkollu saqaf fuq rasu fil-preżent bir-riskju li jispiċċa mingħajr futur minħabba kondotta mċappsa. Jekk mill-banda l-oħra jingħata ordni ta' probation u trattament, huwa almenu jkollu żmien qasir fejn ikun jista' jgħix f'lukanda u sadattant jiġi assessjat aħjar minn professjonisti biex ikunu jistgħu jgħinuh mhux biss isib

"placement" f'xi dar oħra għal minuri mingħajr saqaf fuq rashom, iżda wkoll tinżamlu l-possibilita' li jsib xogħol onest minħabba li ma jkollux il-kondotta mċapsa bil-ħabs sa mill-eta ta' sbatax il-sena.

Il-Qorti rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa indikat li l-imputati Minuri 2 u Minuri 1 jitqiegħdu taħt ordni ta' trattament sabiex ikunu jistgħu jiġu mgħejjuna jegħlbu dawn id-diffikultajiet tagħhom u dan mhux biss fl-interess tagħhom iżda wkoll tas-soċjeta Maltija.

**<u>Decide : -</u>**

Li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 37, 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264(1), 267, 270, 276, 277(b), 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Minuri 1, Minuri 2 u Wayne Said, fuq l-ammissjoni tagħhom stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom; iżda peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-

sentenza u li f'każ li jonqosu milli jikkonformaw ruħhom ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmlu reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jistgħu jingħataw sentenza għar-reat li tiegħu instabu ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordnijiet mogħtija lilhom.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħatja Minuri 1 u Minuri 2 taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament u dan għal perjodu ta' tliet snin millum.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna wkoll lill-ħatja Minuri 1 u Minuri 2 sabiex iħalsu terz kull wieħed mid-danni kaġunati bl-azzjoni tagħhom u ċjoe s-somma ta' ħamsa u sittin euro (€65) kull wieħed minnhom lid-danneġġjati u dan fi żmien xahur millum.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 2 t'Ottubru 2015***

***Aaron M. Bugeja***